

**Talbiet tar-rikorrent**

- jannulla d-deċiżjoni, irrispettivament mill-forma tagħha, li permezz tagħha ġiet miċħuda, min-naħa tal-Kummissjoni, it-talba tat-23 ta' Novembru 2010 mressqa mir-rikorrent quddiem l-Awtorità tal-Ħatra tal-Kummissjoni;
- jannulla n-nota tal-24 ta' Jannar 2011, li fuq il-lemin fin-naħa ta' fuq għandha r-referenza "Ref Ares(2011)74616 — 24.01.2011", u li toriġina mill-Kummissjoni;
- sa fejn ikun opportun, jannulla d-deċiżjoni, irrispettivament mill-forma tagħha, li permezz tagħha ġie miċħud l-ilment imressaq mir-rikorrent fil-konfront tan-nota tal-24 ta' Jannar 2011;
- sa fejn ikun opportun, jannulla n-nota tat-23 ta' Settembru 2011, li fuq il-lemin fin-naħa ta' fuq għandha r-referenza "Ref Ares(2011)1010393 — 23.09.2011";
- sa fejn ikun opportun, jikkonstata li l-proċedura mibdija fuq talba tiegħu għar-rikonoxximent tad-dritt tiegħu, taħt l-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal, li jiġi rrimborsat 100 % għall-ispejjeż mediċi inkorsi minnu, damet għal iktar minn ħames snin;
- sa fejn ikun meħtieġ, jiddikjara li t-tul tal-proċedura inkwistjoni mar lil hinn minn tul raġonevoli;
- għaldaqstant, jikkundanna lill-Kummissjoni sabiex tikkompensa lir-rikorrent għad-dannu li huwa diġà ġarrab inġustament minħabba t-tul irraġonevoli tal-proċedura inkwistjoni, billi tagħtih is-somma ta' EUR 10 000 jew kwalunkwe somma ikbar jew iżgħar li fil-fehma tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tkun ġusta u ekwa;
- jikkundanna lill-Kummissjoni sabiex tħallas lir-rikorrent, b'effett mill-jum ta' wara dak li fih it-talba tat-23 ta' Novembru 2010 wasslet għand il-Kummissjoni u sal-ħlas effettiv tas-somma ta' EUR 10 000, l-interessi dovuti fuq din is-somma bir-rata ta' 10 % fis-sena u b'kapitalizzazzjoni tal-interessi kull sena;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Frar 2012 — ZZ u ZZ vs Il-Kummissjoni****(Kawża F-18/12)**

(2012/C 138/78)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: ZZ u ZZ (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, A. Coolen, J.-N. Louis, É. Marchal u S. Orlandi, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annulament tad-deċiżjonijiet ta' trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni miksuba qabel id-dħul fis-servizz fil-Kummissjoni abbażi tal-proposta kkalkolata mill-ġdid tal-PMO.

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-deċiżjonijiet li jannullaw u jissostitwixxu l-proposti ta' trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni tar-rikorrenti fil-kuntest tat-talba tagħhom skont l-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, li jinkludu proposta ġdida kkalkolata abbażi tad-DĠE adottati fit-3 ta' Marzu 2011;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Frar 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni****(Kawża F-19/12)**

(2012/C 138/79)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Annulament tan-nota tal-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni amministrattiva tar-rikorrent u talba għall-kompens għad-dannu.

**Talbiet tar-rikorrent**

- jiddikjara l-ineżistenza *ex lege*, jew sussidjarjament l-annulament, tan-nota mingħajr data li għandha, fil-parti ta' fuq fuq il-lemin tal-ewwel paġna miż-żewġ paġni tagħha r-referenza "Ref. Ares (2011)217354 — 28/02/2011" (sic), li r-rikorrent ma kellux għarfien tagħha, la tad-dettalji u lanqas tal-kontenut tagħha, qabel is-6 ta' April 2011;
- sa fejn ikun opportun, jannulla d-deċiżjoni, irrispettivament mill-forma tagħha, li permezz tagħha ġie miċħud l-ilment tal-15 ta' Mejju 2011 imressaq mir-rikorrent quddiem il-Kummissjoni fil-konfront tan-nota tat-28 ta' Frar 2011;
- jannulla n-nota tal-14 ta' Settembru 2011, li r-rikorrent ma rċevix qabel l-20 ta' Ottubru 2011;

- jikkundanna lill-konvenuta sabiex tikkompensa d-dannu kkawżat lir-rikorrent min-nota tat-28 ta' Frar 2011 kif ukoll min-nota tal-14 ta' Settembru 2011, fl-ammont ta' EUR 10 000, jew kwalunkwe somma ikbar jew iżgħar li fil-fehma tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tkun ġusta u ekwa;
- jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Rikors ippreżentat fil-15 ta' Frar 2012 — ZZ vs EIGE

(Kawża F-20/12)

(2012/C 138/80)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentanti: T. Bontinck u S. Woog, avukati)

Konvenut: L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

#### Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni tal-konvenut li tittrasferixxi mill-ġdid lir-rikorrenti mill-pożizzjoni ta' kap tal-operazzjonijiet għal pożizzjoni ta' kap ta' tim li ma teħtieġx kompetenzi maniġerjali.

#### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tat-8 ta' Settembru 2011 tad-Direttriċi tal-EIGE li tassenja mill-ġdid lir-rikorrenti f'pożizzjoni li ma hijiex relatata mal-maniġment;
- bħala konsegwenza ta' dan l-annulament, tordna r-reintegrazzjoni immedjata tar-rikorrenti fil-pożizzjoni preċedenti tagħha u l-ħlas tal-allowance tal-maniġment b'effett retroattiv għall-1 ta' Ġunju 2010;
- tikkundanna lill-EIGE għall-ispejjeż.

### Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni u CEPOL

(Kawża F-22/12)

(2012/C 138/81)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: L. Levi, M. Vandenbussche, avukati)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija

#### Suġġett

L-annulament tad-deċiżjonijiet li jirrifjutaw it-talba għall-għoti tal-allowance għal wild dipendenti u tal-allowance għall-edukazzjoni għat-tliet itfal ta' martu għall-perijodu li fih huma kienu għadhom qed jgħixu fil-Filippini.

#### Talbiet tar-rikorrent

- l-annulament tad-deċiżjoni impliċita tal-25 ta' Marzu 2011 u tad-deċiżjoni espliċita adottata mill-PMO (Uffiċċju għall-Amministrazzjoni u l-Ħlas ta' Drittijiet Indivdwali) fil-11 ta' Lulju 2011, ikkonfermata bid-deċiżjoni tad-9 ta' Novembru 2011 li tirrifjuta l-ilment, sa fejn dawn jirrifjutaw it-talba tar-rikorrenti biex jingħata l-allowance għal wild dipendenti u l-allowance għall-edukazzjoni għat-tliet itfal ta' martu għall-perijodu li fih huma kienu għadhom qed jgħixu fil-Filippini;
- konsegwentement, ir-rikonoxximent tad-dritt tar-rikorrent għall-imsemmija allowances;
- il-kompens tad-danni materjali mġarrba mir-rikorrent li jikkonsisti fi ħlas retroattiv tal-allowances għal wild dipendenti u għall-edukazzjoni mill-1 ta' April 2009, evalwati provviżorjament fl-ammont ta' EUR 33 673,31, b'interessi moratorji stabbiliti skont ir-rata ta' referenza tal-Bank Ċentrali Ewropew biż-żieda ta' żewġ punti perċentwali;
- il-kompens tad-dannu morali mġarrab mir-rikorrent evalwat għal EUR 20 000;
- tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż.

### Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2012 — ZZ et vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-23/12)

(2012/C 138/82)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrenti: ZZ et (rappreżentant: C. Mourato, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Suġġett

L-annulament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/204/10 li r-rikorrenti ma jiġux ammessi għall-istadju segwenti tal-kompetizzjoni.